32004R1258

9.7.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 239/5

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1258/2004

tat-8 ta' Lulju 2004

li jiffinalizza l-anness għar-Regolament (KE) Nru 2400/96 li jikkonċerna r-reġistrazzjoni ta' ċerti denominazzjonijiet fir-"Reġistru ta' ismijiet u tikketti ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" (Paia de Toucinho de Estremoz e Borba, Chouriço de Carne de Estremoz e Borba, Paia de Lombo de Estremoz e Borba, Morcela de Estremoz e Borba, Chouriço grosso de Estremoz e Borba, Paia de Estremoz e Borba)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) nru 2081/92 tal-Kunsill, ta' l-14 ta' Lulju 1992, li jikkonċerna l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-ismijiet u t-tikketti ta' oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' prodotti alimentari oħra[1], u partikolarment l-Artikolu 6, paragrafu 4 u l-Artikolu 7, paragrafu 5 (b) tiegħu;

Billi :

(1) F'konformità ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, il-Portugall bagħat lill-Kummissjoni sitt talbiet ta' reġistrazzjoni bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għad-denominazzjonijiet « Paia de Toucinho de Estremoz e Borba », « Chouriço de Carne de Estremoz e Borba », « Paia de Lombo de Estremoz e Borba », « Morcela de Estremoz e Borba », « Chouriço grosso de Estremoz e Borba », « Paia de Estremoz e Borba ».

(2) Intwera, f'konformità ma' l-Artikolu 6, paragrafu 1 ta' dan ir-Regolament, li dawn kienu konformi ma' dan ir-Regolament, u partikolarment dawk li fihom l-elementi kollha previsti fl-Artikolu 4 tiegħu.

(3) L-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjonijiet relattivi għat-talbiet ta' reġistrazzjoni ta' dawn id-denominazzjonijiet ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fis-27 ta' April 2002.[2]

---

[1] ĠU L 208, 24.7.1992, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU C 102, 27.04.2002, p. 2

(4) Ir-Repubblika Taljana bagħtet lill-Kummissjoni dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dawn id-denominazzjonijiet għas-sens ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

(5) Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni kienu jikkonċentraw fuq in-nuqqas ta' rispett għall-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 2 tar-Regolament u kienu ammissibbli għas-sens tal-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament. Il-Kummissjoni stiednet liż-żewġ Stati Membri kkonċernati biex ifittxu ftehim bejniethom f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom.

(6) Billi l-ebda ftehim ma ntlaħaq, wara tliet xhur, bejn ir-Repubblika tal-Portugall u r-Repubblika Taljana, il-Kummissjoni għalhekk għandha tieħu deċiżjoni f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 15.

(7) Fl-ewwel lok, skond ir-Repubblika Taljana, billi l-medda ġeografika ta' produzzjoni tal-materja prima mhix preċiżament delimitata, il-prova ta' l-oriġini ma tistax tiġi ċċertifikata. Fl-istess ħin, f'dak li jikkonċerna r-razza użata, billi riġini mhix biżżejjed, anki jekk kellu jeżisti ktieb ġenealoġiku dwar din ir-razza.

(8) Għal kull waħda mis-sitt denominazzjonijiet, li għandhom x'jaqsmu ma' indikazzjoni ġeografika protetta (IGP), il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 ġew sodisfatti għaliex iż-żona ta' trasformazzjoni hija preċiżament delimitata u din il-konnessjoni hija ġustifikata minn reputazzjoni u karatteristiċi organolettiċi partikolari. L-argument tar-Repubblika Taljana mhux pertinenti għaliex il-prova ta' l-oriġini trid, f' dan il-każ, tibbaża ruħa fuq il-prova tat-trasformazzjoni fiż-żona ġeografika delimitata u mhux fuq il-prova ta' l-oriġini tal-materja prima.- ispeċifikazzjonijiet jistgħu madankollu ikollhom kriterji oġġettivi relatati ma' l-għażla tal-materja prima.

(9) Fit-tieni lok, skond ir-Repubblika Taljana, l-affermazzjoni ta' tradizzjoni ta' produzzjoni fi ħdan faċilitajiet « mifthema kif suppost » ma tiswix jekk il-parametri li għandhom jiġu osservati u l-persuna legali li sar magħha l-ftehim ma ġewx imsemmija. Fl-istess ħin, it-talbiet għar-reġistrazzjoni ma jiddeskrivux il-fażijiet u l-parametri li għandhom jiġu osservati fil-fażijiet ta' produzzjoni bħal, per eżempju, il-ħin u t-temperatura tal-iffumigar u l-possibbiltajiet u l-modi ta' maturazzjoni skond it-teknika tradizzjonali.

(10) Id-dossjers fornuti bħala appoġġ għat-talbiet ta' reġistrazzjoni juru li l-istabbilimenti rreġistrati huma kkatalogati u jiġu kkontrollati sabiex ikun jista' jiġi vverifikat li dawn qed jirrispettaw il-parametri mniżżla fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-fażijiet u l-parametri li għandhom jiġu osservati waqt il-proċess ta' produzzjoni huma deskritti b'mod preċiż fl-ispeċifikazzjonijiet depożitati għand il-Kummissjoni.

(11) Fit-tielet lok, skond ir-Repubblika Taljana, it-talbiet għar-reġistrazzjoni ta' dawn id-denominazzjonijiet għandhom il-għan li jiddifferenzjaw, fuq livell kummerċjali, prodotti simili ħafna għal xulxin u fl-istess ħin jistabbilixxu

wkoll l-eżistenza ta' diversità fil-produzzjoni agrikola li hija inkoraġġita fit-tieni inċiż tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

(12) Wara d-depożitu ta' l-ispeċifikazzjonijiet għand il-Kummissjoni u l-informazzjoni komplimetari fornuta mid-delegazzjoni Portugiża, il-prodotti jippreżentaw differenzi importanti, kemm fil-każ tal-biċċiet tal-laħam użati, tat-tħawwir, tat-tip u tat-tul tat-tnixxif, tat-tip ta' *envelope* użat, tad-daqs tal-biċċiet tal-laħam u tax-xaħam tad-dimensjonijiet, tal-forma u tat-togħma tal-prodott aħħari. -prodotti huma wkoll mogħtija ismijiet differenti.

(13) L-analiżi formali ta' l-ispeċifikazzjonijiet li jikkonċernaw id-denominazzjonijiet « Paia de Toucinho de Estremoz e Borba », « Chouriço de Carne de Estremoz e Borba », « Paia de Lombo de Estremoz e Borba », « Morcela de Estremoz e Borba », « Chouriço grosso de Estremoz e Borba » u « Paia de Estremoz e Borba » m'urewx żball manifest fil-valutazzjoni.

(14) B'konsegwenza ta' dan, dawn id-denominazzjonijiet jistgħu jitniżżlu fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u għalhekk jkunu protetti fuq bażi Komunitarja bħala indikazzjonijiet ġeografiċi.

(15) L-Anness 1 tar-Regolament preżenti jiffinalizza l-Anness għar-Regolament (KE) nru 2400/96[3].

(16) Il-miżuri previsti mir-Regolament preżenti huma konformi ma' l-opinjoni tal-kumitat tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

DOTTAT IR-REGOLAMENT PREŻENTI:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2400/96 huwa finalizzat mid-denominazzjonijiet imniżżla fl-Anness 1 tar-regolament preżenti u dawn id-denominazzjonjiet huma mniżżla fir-"Reġistru ta' l-ismijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" bħall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, previst mill-Artikolu 6, paragrafu 3, tar-Regolament (KEE) 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Ir-Regolament preżenti jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli fl-istati Membri kollha.

[3] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1165/2004 (ĠU L 224, 25.6.2004, p. 16).

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Lulju 2004.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PRODOTTI ALIMENTARI STIPULATI FL-ANNESS I TAR-REGOLAMENT (KEE) NRU 2081/92

Prodotti b'bażi ta' laħam

PORTUGALL

Paia de Toucinho de Estremoz e Borba (IGP)

Chouriço de Carne de Estremoz e Borba (IGP)

Paia de Lombo de Estremoz e Borba (IGP)

Morcela de Estremoz e Borba (IGP)

Chouriço grosso de Estremoz e Borba (IGP)

Paia de Estremoz e Borba (IGP)